**2 ta' Gunju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Vella

**Prova — "Alibi".**

*L-"alibi" hija l-aħjar mezz ta' prova, imma hija wkoll l-agħar prova. Hija prova tant delikata u diffiċli; u b'ex tiġi akkolta hemm bżonn li tirriżulta bi preċiżjoni matematika.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fin-nota tal-Attorney Generali tal-21 ta' Mejju 1958, taħt l-art. 68(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali b'riferenza (1) għall-art. 94(1) tal-Kodiċi Kriminali, (2) għall-art. 353(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, (c) u għall-art. 352(bb) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputat fuq l-imputazzjoni li f'Paola jew bnadi oħra, fit-28 ta' April 1958, f'ħinijiet differenti, ħa parti f'ġemgħa ta' iżjed minn għaxra minn nies bil-ħsieb li jagħmlu reati, liema reati fil-fatt saru, u preċiżament (a) tfiegħ ta' ġebel lill-membri tal-Pulizija, persuni nkarigati mis-servizz publiku skond il-liġi, (b) feriti fuq membri tal-Pulizija li kienu jaqdu dmirhom, (c) u disturb tal-paċi u l-ordni publiku;

Rat is-sentenza tal-Qorti Qriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-26 ta' Mejju 1958 li biha sabet lill-imputat ħati talli ħa parti attiva f'ġemgħa ta' aktar minn għaxra bl-iskop li jagħmlu l-kontravvenzjoni ta' tfiegħ ta' oġġetti iebsa kontra l-Pulizija, kontravvenzjoni li fil-fatt ġiet konsumata; u kkundannatu għall-priġunerija għal żmien tnejn u tletin ġurnata; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

*Omissis;*

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, u li hu jiġi liberat; u in subordine, li tiġi mitigata l-piena;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-fatt kriminuż, misjub mill-Ewwel Qorti, hu pruvat bix-xhieda . . . . . . .;

L-imputat ittanta wkoll il-prova tal-"alibi". Kif josserva s-Sibley, fit-test "Criminal Appeal and Evidence", p. 189:— "An alibi is, as has often been remarked, the best or worst of defences. It often depends upon a few miles, or even a few yards of distance, or upon a clock being a few minutes fast or slow". Il-prova tal-"alibi' hija prova delikata u diffiċili, u biex tiġi akkolta hemm bżonn li tirriżulta bi preċiżjoni matematika. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti, u għar-raġunijiet żvolti minn dik l-istess Qorti, illi l-prova tal-"alibi" avanzata mill-imputat hi ferm il-bogħod mill-grad ta' prova xierqa, u ma tista' bl-ebda mod tiġi lontanament sostnuta;

*Omissis;*

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Iż-żmien tal-arrest preventiv mill-ewwel sentenza l-hawn għandu jiġi komputat fl-espjazzjoni tal-piena, peress li dak ta' qabel diġà ġie meqjus mill-Maġistrat, kif jidher mis-sentenza appellata.